MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 1250/2001/1

**Camilleri, Cauchi Management Services Limited**

**vs**

**Benny's Catering Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' April, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Ottubru 2001 fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' Lm348.75 (tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) bhala hlas ta' servizzi rezi.

Fl-avviz tat-talba intqal:-

Billi s-socjeta' attrici rrendiet servizzi in konnessjoni maz-zamma tal-'accounts' tas-socjeta' konvenuta.

U billi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici is-somma bilancjali ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm348.75c) in konnessjoni ma' dawn is-servizzi rezi.

U billi s-socjeta' konvenuta giet interpellata biex thallas izda baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux:
1. Jikkundannha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm348.75c) dovuti kif hawn fuq spjegat.

Bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika ta' dan l-att u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-6 ta' Settembru 2001.

Ra r-risposta fejn inghad li:-
Illi t-talba attrici hija nondata fil-fatt u fid-dritt stante illi s-somma pretiza ma hiex dovuta mis-socjeta' attrici u danan kif ser jigi ahjar pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizju ghas-suespost, l-atturi ma rrendewx is-servizzi pattwiti minkejja li gew retribwiti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:-
Illi l-pertenza odjerna tirrigwardja nuqqas ta' qbil bejn ufficju professjonali ta' 'accountants' u socjeta' kumercjali bhala ex-klijenta. It-talba hija ghal hlas ta' bilanc ta' flus dovuti ghal servizzi rezi.

Illi s-socjeta’ attrici tikkontendi li ghamlet dak minnha pattwit, fil-waqt li s-socjeta’ konvenuta tippretendi li jew ix-xoghol ma sarx jew jekk sar ma sarx kif suppost.

Illi l-ftehim bejniethom kien regolat b’engagement letter iffrmata miz-zewg partijiet fit-28 ta’ Jannar 2000. Pacta sumit servanda. Is-socjeta’ attrici pprovdiet dawk is-servizzi li kienet obbligata li taghti. Jista ikun, kif anke irrizulta mix-xhieda prodotti mis-socjeta’ konvenuta, illi s-socjeta’ konvenuta ma kienitx kuntenta bil-livell ta’ servizz moghti mill-istess socjeta’ attrici. Pero` jibqa il-fatt illi s-servizzi ‘Omnia labor optat premium’. Is-socjeta’ konvenuta kellha kull dritt li twaqqaf is-servizzi lilha moghti fin-nuqqas ta’ sodisfazzjoni. Fil-kaz odjerna gara l-oppost billi kienet is-socjeta’ attrici li tterminat is-servizz.

Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, jilqa’ t-talbiet attrici u tikkundannha thalass is-somma mitluba ta’ tlett mija tmienja u erbghin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm348.75), bl-interessi u spejjes kif mitluba.”

Is-socjeta` konvenuta appellat minn din id-decizjoni fuq il-bazi li din ma kienetx gusta u ekwa in kwantu l-provi kienu juru li s-servizzi provvduti mis-socjeta` attrici ma kienux tal-livell stabbilit fil-ftehim u kienu jezistu diversi nuqqasijiet;

Ghal dan l-aggravju s-socjeta` attrici wiegbet illi, fuq il-bazi asserita, l-appell introdott kien improponibbli skond l-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380;

Jidher li s-socjeta` konvenuta tittanta tikkazella l-aggravji taghha fil-qafas tas-subartikolu 2 (d) ta’ l-Artikolu 8 ta’ l-Att V ta’ l-1995 li jipprovdi ghad-dritt ta’ appell meta t-Tribunal ikun b’ mod gravi mar kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u ta’ ekwita` skond il-ligi, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella.  Jokkorri allura li jigu ezaminati l-atti, kompriz is-sentenza issa attakkata mis-socjeta`

appellanti biex wiehed jara jekk tabilhaqq din id-deduzzjoni tinsabx sostenuta;

Huwa fatt li f' kawza ta' din ix-xorta l-gudikant, ossija l-aggudikatur, hu konfrontat minn zewg konsiderazzjonijiet:-

(i) Min-naha l-wahda, l-oneru impost fuq is-socjeta` attrici li tipprova li hi espletat l-inkariku lilha kommissjonat skond il-kuntratt ta' ftehim. Inkariku li dwaru hi kienet qed tiddomanda l-hlas;

(ii) Min-naha l-ohra, l-oneru nkombenti fuq is-socjeta` konvenuta li tiddemostra li s-socjeta` attrici naqset li tadempixxi l-mansjonijiet taghha jew li naqset li adegwatament tezegwixxi l-obbligi minnha assunti, b' mod professjonali u skond l-arti u s-sengha. Regola din applikabbli fil-kaz ta' kull ipotesi ohra ta' obbligazzjoni kontrattwali;

Haga naturali kien aspettat li l-aggudikatur jinklina lejn it-tezi l-wahda jew l-ohra skond kemm jidhirlu li huma konvincenti l-provi u perswazivi s-sottomissjonijiet ta' naha u ta' ohra;

Fil-kaz in ezami jirrizulta mis-sentenza appellata illi t-Tribunal hassu sodisfatt illi s-socjeta` attrici rnexxielha turi li hi rrendiet is-servizzi li hi kellha tipprovdi skond il-ftehim. Inversament l-istess Tribunal ma hassux daqstant konvint mid-difiza tas-socjeta` appellanti tant li ghadda biex irrigettaha. Difiza din li, skond ix-xhud Benjamin Muscat, kienet arginata ghal kontenzjoni illi s-socjeta` attrici kienet qed titlob hlas ghal xoghol "li ma sarx u ta' xoghol li sar deficjenti" (fol. 63);

Fuq l-ezami taghha tal-provi in atti din il-Qorti difficilment tista' taccetta l-argoment tas-socjeta` appellanti illi s-socjeta` attrici ma wettqetx l-obbligi kontrattwali taghha. Fir-rigward il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:

(1) Jinghad minn Benny Muscat illi s-socjeta` tieghu ma nghatatx "*management reports*". Aktar tard pero` jikkonferma illi dawn gew ipprovduti pero` ma kienux kompluti;

(2) L-istess xhud jghid li s-socjeta` tieghu ma hallsetx ghax ma nghatawlhiex rapporti wara Gunju 2000 (fol. 53). Ghal kuntrarju, Frederick Cauchi, wiehed mis-*senior partners* tas-socjeta` attrici, isostni illi huma rrendew servizzi sa Settembru 2000, kompriz f' dan l-ahhar xahar imsemmi ezercizzju dwar External Account li dwaru ntalab hlas addizzjonali, oltre r-rata stabbilita ghall-perijodu Gunju – Settembru 2000. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 13. Jinghad imbaghad mill-*partner* l-iehor ta' l-istess socjeta` attrici illi f' Settembru nformaw verbalment lir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta li mhux ser jahdmu izjed. Ara xhieda ta' Jeffrey Camilleri (fol. 47). Skond Benjamin Muscat din id-dikjarazzjoni tidher li tikkorrispondi ghall-verita` tant li jistqarr li huwa probabbli li l-atturi tterminaw l-*engagement* f' Settembru 2000 (fol. 78);

(3) Dak li forsi hu x' aktarx il-kaz hu l-fatt illi s-socjeta` appellanti ssollevat lanjanza fuq l-operat tas-socjeta` attrici meta din kienet qed tippressaha ghall-hlas. In effetti l-ewwel darba li ssenjalat li kienet skuntenta bis-servizzi provvduti mis-socjeta` attrici kien biss permezz ta' l-ittra datata 26 ta' Dicembru 2000 (fol. 38). Qabel dan, fi kliem ix-xhud Jeffrey Camilleri "qatt ma ghamlilna *complaint* fuq ix-xoghol; anzi kien ifahharna" (fol. 45);

(4) Huwa lecitu li jinghad li l-accettazzjoni ta' l-operat, una volta ma kienetx akkompanjata minn rizervi, tipproduci l-effett li tillibera lill-prestatur tas-servizz mir-rispons ghal xi allegati deficjenzi li jigu denunzjati 'l quddiem, u fil-mument meta dawk is-servizzi jkunu gja terminati;

Fermi dawn l-osservazzjonijiet, bl-iskop li l-materja tigi rikollegata ghad-dettami ta' l-Artikolu 8 (2) (d) tal-ligi, hi l-fehma ta' din il-Qorti illi fil-verita` l-aggravju sottomess

jikkonsisti maggorment minn kritika ta’ l-apprezzament li ghamel it-Tribunal tal-provi. Huwa veru illi s-socjeta` appellanti ssostni illi d-decizjoni ma kienetx gusta u ekwa, imma meta wiehed jifli bir-reqqa l-istess decizjoni attakkata l-aktar “li jista’ jinghad dwarha hu li t-Tribunal ma ghamelx analisi approfondita, izda mhux ukoll li dan ghamel gudizzju ekwitattiv zbaljat. Il-fatt li t-Tribunal inklina ruhu li jadotta t-tezi tas-socjeta` attrici u jqieghed in disparte dik tas-socjeta` konvenuta ma jgibx ghal daqshekk li t-Tribunal agixxa b’ mod inikwu jew parzjali, bi pregudizzju ghas-socjeta` appellanti. Ifisser biss li t-Tribunal ikkonvinca ruhu li s-socjeta` attrici, bil-kontra tas-socjeta` konvenuta, issodisfat dak minnha rikjest skond il-principji probatorji bhala dimostranti l-bazi u l-legittimita` tat-talba taghha.

Ghal dawn il-motivi kollha l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta’ din il-procedura a karigu tas-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------